**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10**

**10 ta' Jannar 2025**

Il-laqgħa numru 10 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-10 ta' Jannar 2025 fi 9.30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **10** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija |
| | |
| **10.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Is-Sur Matthew Bugeja kien bagħat email li kien hemm xi affarijiet li xtaq li jinkitbu mod ieħor. Għaldaqstant dawn ġew kjarifikati qabel il-laqgħa u kien hemm kjarifikazjoni żgħira u miktuba fuq il-minuti. Dawn ġew iffirmati mis-sindku u Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sa Miriam Camilleri ipproponiet dawn il-minuti u Sur Matthew Bugeja ssekonda l-minuti tal-laqgħa. |
| | |
| **10.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku.** |
| 10.2.01 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kellu laqgħa nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2024 ma On. Owen Bonnici, On. Alison Zerafa Civelli, On Stephen Zrinzo Azzopardi u On. Clifton Grima fil-parlament, fejn ġie diskuss il-binja tal-Kunsill in-naħa ta' Port Ruman. Is-Sindku spjega li hemm ħafna deċiżjonijiet li jridu jittieħdu u li ilhom jiġu ipposponuti. Daniel issuġġerixxa li jsiru posts fuq il medja soċjali sabiex in-nies jiġu infurmati. Is-Sindku qabel u qal li anke fuq il-masterplan, imma mhux għalissa. |
| 10.02.02 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2024, is-Sindku kellu laqgħa ma' Transport Malta u l-OPM dwar il-laqgħa li saret mill-OPM rigward il-ħoloq. Hu qal li wara laqgħa li kienet saret fl-uffiċju tal-Kunsill, fejn 5 gruppi ta' operaturi kienu attendew 5 laqgħat organizzati minn TM, u li għalija kien attenda sindku. Issa Hu sar jaf li tħallew barra xi operaturi. Dan sar jafu għax wieħed minnhom ġie l-kunsill sabiex jistaqsi x'qed jiġri.<br><br>Matthew qal li la il-laqgħat saru ġol-binja tal-Kunsill tal-inqas kellhom ikunu infurmati l-kunsilliera, avolja l-laqgħa organizzata TM. Matthew kompli li b'hekk il-kunsill kien ikollu aktar appoġġ għal punti tiegħu. Is-Sindku qal li għal darb'oħra jinforma l-kunsilliera la jixtiequ hekk. Hu ma infurmax peress li ilu 6 snin jitkellem u jmur għal laqgħat waħdu u wara jiġi u jgħid x'ġara waqt il-laqgħat tal-kunsill. |
| 10.02.03 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li nhar it-Tnejn 23, ta' Diċembru 2024, flimkien mad-deputat segretarju eżekuttiv, kellu laqgħa mas-Sur Berend fuq il-Pillars tad-dawl. Is-Sur Berend kellu teknoloġija, li jista' jdawwar l-arbli tad-dawl f'charging stations. Fejn mal-arblu tad-dawl titwaħħal solar panel li tgħati d-dawl lid-dawl tat-triq u supply li għaddejja għad-dawl tat-triq kienet tkun tista' tintuża sabiex tiġi iċċarġjat l-karozza. Sur Berend qed jissuġġerixxi 3 proġetti:<br>a) Mal-arbli tax-xatt |

| | |
|---|---|
| | b) Arbli in-naħa tal-magħluq<br>c) Proġett tal-Parking<br><br>Is-Sindku spjega lis-Sur Berend li l-arbli tax-xatt iridu jinbidlu kollha. Imma l-arbli tan-naħa tal-magħluq huma ġodda. Matthew hawn ġibed l-attenzjoni li hu ma jaqbilx li l-arbli jinbidlu għalissa qabel ma jiġi deċiż il-masterplan. Is- Sindku qal li mill-masterplan jaf ma jsir xejn u għalhekk ma nistgħux nibqgħu nistennew. Is-Sindku għalhekk qal li hu issuġġerixxa li nitkellmu mal-ministru Miriam Dalli sabiex jiskattaw il-proċessi meħtieġa. It-tielet fażi hi dik tal-parking fejn dan jista' jissaqqaf kollu bil-pannelli, u isiru ukoll fast charging station. Għalhekk il-kunsilliera ġew mistiedna jivvutaw fuq dan l-istatment:<br><br>Il-Kunsill jagħmel proposta lil Ministeru tal-enerġija fuq bdil tal-arbli tax-xatt kollu. Dawn flimkien mal-arbli tal-Magħluq għandhom ukoll jiġu bil-pannelli u fast charging points. Barra minn hekk issir proposta ukoll fuq li jissaqqaf il-parking bil-pannelli u jkun hemm fast charging points għal użu ta' kulħadd.<br><br>Fuq dan l-istatement kien hemm qbil unanimu. |
| 10.02.04 | Latrini Pubbliċi – Is-Sindku spjega li f'laqgħat passati kien hemm qbil sabiex il-latrina tiġi bil-flus. Għaldaqstant il-persuna li qed tieħu ħsieb il-latrina bħalissa qed toħroġ spejjeż biss. Inġabru l-kwotazzjonijiet u l-irħas quote kienet ta Euro 2360 inkluż il-VAT. Kien hemm qbil li dawn jibdew jitħallsu. |
| 10.02.05 | It-Tender ta' Sqaq Busbiesi ħareġ u l-perit ġie infurmat ukoll. Meta jkun hemm il-proċess tat-tender magħluq jiskatta l-proċess għal DNO |
| 10.02.06 | Is-Sindku spjega li ir-Reġjun Nofsinhar ser ikun qed jiskatta il-proċess għal tender ta' Street Lighting għal dawk il-kunsilli fi ħdanu li kienu jixtiequ jkunu parti minn dan it-tender. Għalhekk kien qed isaqsi lil-Kunsill ta' Marsaxlokk hekk jixtieqx ikun parti minn dan it-tender. Fuq dan kien hemm qbil unanimu. |
| | |
| | |
| **10.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 10.4.1 | Miriam Camilleri staqsiet fuq id-dawl tal-pjazza li qed jinqata' mal-ħin kif jinxtgħel id-dawl tat-triq. Is-sindku spjega li hemm l-ilma taħt il-kaxxa li qed jaqta' dawl. Is-sistema kollha trid tinbidel anke bl-għajnuna tal-enemalta.<br><br>Nazzareno in-naħa tal-Magħluq il-kunsill kien qabel li is-sajjieda jistgħu itellgħu id-dgħajjes għax-xhur bejn Novembru u April in-naħa maċ-ċint. Dawk reġistrati fir- reġistru tal-MFA u l-MFB biss jistgħu itellgħu. fil-port ta' Marsaxlokk |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Matthew Bugeja informa li kellu laqgħa mal-kap tal-iskola li saqsiet għal xi affarijiet. Dan kien se jitkellem mas-sindku u l-amministrazzjoni fuqhom. Hu qal ukoll li Triq l-Arznell kienu għaddejjin ħafna xogħolijiet minn Infrastructure Malta. Is-Sindku qal li hu kellu ftehim li dan ix-xogħol ma jibdiex qabel il-Milied u fejn jiftaħ kellu jerġa' jintradam imma l-kuntrattur m'għamilx hekk. Dan ġie biex jerġa' jġedded il-permess imma kieku dan inżamm ix-xogħol ma kienx isir. Instabet ukoll problema fid-drenaġġ u jrid jerġa' jiġi rranġat u jrid jibqa' nieżel min Triq iz-Zejtun, għal Triq Duncan. Kien hemm bżonn li l-kunsill jitkellem ma IM sabiex ningħataw garanzija li l-pjazza tibqa' kif inhi.<br><br>Matthew saqsa ukoll fuq id-dawl in-naħa tal-magħluq li kellu jinżel taħt l-art? Is-sindku qal li l-Enemalta jridu jagħmlu sub-station u jlestu kollox minn naħa tagħhom. Ser tkun qed tintbagħat email lil Enemalta.<br><br>Matthew ippropona li sal-laqgħa li jmiss noħolqu kalendarju ta' attivitajiet sabiex kulħadd ikun jaf x'qed jiġri speċjalment l-operaturi.<br><br>Matthew ippropona ukoll li waħda mill-items fl-aġenda għal laqgħa li jmiss tkun l-għeluq permanenti għal karozzi fil weekend ta' Xatt is-sajjieda bejn il-pjazza u Triq San Franġisk/Triq Sant Andrija u għalhekk dan jsir pedonali fil-weekend.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa saqsa fiex wasal il-proġett tar-restawr tal-Għajn u Torri Vendome. Is-Sindku wieġeb li s'issa ser jibda ir-restawr tan-niċeċ ta' Santa Katerina u San Piju 5. It-Tender tat-torri ġie approvat mil-ministeru. It-tender tal-għajn ħareġ imma għadu ma ġiex allokat.<br><br>Daniel ippropona ukoll li jsiru blokok tal-konkrit sabiex jinqatgħu l-abbużi ħdejn il-Batterija ta' San Pawl. |
| | Miriam qed tipproponi swimming sessions b'xejn |
| | kulħadd qabel Miriam [signature] |
| 10.5 | **Data Għal laqgħa Ġenerali Annwali** |
| | Id-deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li suppost kienet saret laqgħa ġenerali annwali sal-15 ta' Diċembru imma minħabba tibdil li kien sar din ma' saritx. F'din il-laqgħa jiġi preżentat il-budget kif ukoll il-pjan ta' ħidma. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kienet ser tiltaqa' mal-accountant sabiex tippjana dawn id-dokumenti. Ġie maqbul li dan isir fit-12 ta' Frar 2025, fis-18.30 ta' filgħaxija. |
| | |
| | |
| 10.6 | **Kirja tal-post tal-Kunsill Lokali** |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku spjega li il-persuna li tikri lil-Kunsill Lokali il-lokal, xtaqet li itella' ftit il-kera għal 100 kull tlett xhur. Għalhekk il-kera ser tkun qed togħla b'400 fis-sena. Fuq dan kien hemm qbil |
| | |
| | |
| **10.7** | **Evalwaturi u opening Staff – Tender Sqaq Busbesi** |
| | L-opening Staff tat-Tender ta' Sqaq Busbesi kellhom ikunu 2 mill-istaff tal-Kunsill. Bħala evalwaturi is-Segretarju qalet li tissuġġerixxi bord ta' evalwaturi indipendenti, li wara li jinġieb rendikont mingħand il-perit, ikunu jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom b'mod infurmat. Matthew Bugeja stqarr li hu xtaq li jkun parti mill-bord. Ġie issuġġeriet li l-membri l-oħra tal-bord kellhom ikunu, is-Sur Duncan Hall (direttur) u Sa Elaine Caruana (assistent direttur) |
| | |
| | |
| **10.8** | **Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv** |
| | Il-kunsill qabel b'mod unanimu li l-ex segretarju eżekuttiv tingħata l-performance bonus b'mod sħiħ. |
| | |
| **10.9** | **Attività ta' Kull Xahar** |
| | Ġie spjegat li qed jinħoloq kalendarju ta' attivitajiet tul ix-xhur tas-sena u li ser ikunu jinkludu attivitajiet varji, fosthom vista għand il-president ta' Malta sabiex jiġu preżentati ukoll il-flus li inġabru b'risq il-Malta Community Chest Fund.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil. |
| | |
| | |
| **10.10** | **Tombla fl-attivitajiet** |
| | Ser ikun hemm sejħa għal għaqdiet sabiex dawn ikunu parti mill-attivita' li tiġi organizzata mil-kunsill lokali. Dawn ikunu jistgħu jieħdu ħsieb it-tombla billi jġibu permess. Il-qligħ jinqasam nofs bin-nofs. Hekk aktar minn għaqda waħda tkun interessata jkun hemm roster. L-għaqdiet ikunu responsabbli sabiex:<br>- Japplikaw għal permess<br>- Jaħsbu għas-sheet<br>- Jgħinu fil-marketing tal-attivita'<br><br>Hekk l-għaqda ma' tiġix jitħallsu biss għal permess li jkunu għamlu.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil unanimu. |
| | |
| | |

| | |
|---|---|
| **10.11** | **Planning Authority** |
| | Qed jiġi mormi skart illegali Triq Barthelemy u Triq Ġulino Maniscalco, u għalhekk qed jiġi issuġġeriet sabiex jitpoġġew 2 cameras fit-triq sabiex tissolva l-problema. Kulħadd qabel fuq dan il-punt. |
| | |
| **10.12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| | Dawn ġew approvati. Is-Sur Matthew Bugeja propona u s-Sur Daniel Zerafa ssekonda. |
| | |
| **10.13** | **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.** |
| | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 10 ġiet fit-tmiem wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha fil-11.15am. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar il-12 ta' Frar Jannar, 2025 fl-16.00 ta' wara nofsinhar. |

Konfermati, illum 12 ta' Frar 2025.

**Steven Grech**
*Sindku*

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

***Proponent***

***Sekondant***